MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Numru. 61/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Gafa)**

**v**

**Richard Mercieca ta' 37 sena, bin Victor u Josephine nee Galea, imwieled Pieta', Fit-22 ta' Lulju, 1966, u residenti Nadrich, 22, Triq Patri Marjano Vella, Iklin, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 324466(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Richard Mercieca li gie akkuzat talli fl-4 ta' Jannar, 2004 u fil-granet ta' qabel fil-Floriana, fil-Belt Valletta, u fi bnadi ohra

f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmla b'rizoluzzjoni wahda:

(1) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe DVD's , CD's, playstation DVD's, ecc, u dan bi ksur ta' artikolu 298(1)(f) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(2) Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xihaga ohra u cioe DVD's, CD's, ecc bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe Twentieth Centruy Fox Film Corporation u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta' Patrick J. Galea Advocates rapprezentata minn Dr Patrick J. Galea LL. D. et hija rappresentatnti, protetti bil- jew taht il-ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 298B(1) tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(3) Akkuzat ukol talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati a' Malta datati 26/10/1999, 11/02/2000 u 12/05/2000, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex skond id-diskrezzjoni taghha, f'kaz ta' htija, thassar il-licenzja je inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 31 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilement mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti kif ukol jekk ikun il-kaz, tikkundanna lil Nazzareno Buahagiar ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 522 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li hu wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod partikolari l-Proces Verbal minnha redatt bhala Magistrat Inkwirenti u l-verbal ta' din il-Qorti b'mod partikolari dak tal-22 ta' Ottubru, 2005 (fol 19) dwar ir-rikuza.

Rat l-Inkjesta Magisterjali, rat ukoll b'mod partikolari r-relazzjoni ta' l-espert Martin Bajada fejn gie konkluz illi l-oggetti maqbuda minghand l-akkuzat kienu non compliant (fol 19).

Rat ukoll il-kwerela esebita fir-rigward tal-artikolu 29B tal-Kapitlu 9. Rat l-istqarrija ta' l-istess akkuzat fejn l-istess tant kien ko operattiv mal-Pulizija li ammetta l-falsita' ta' l-oggetti maqbuda mill-Pulizija.

Rat li fis-seduta ta' 29/10/06 Richard Mercieca irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 298(1)(f), 298B(1), 49 u 50 tal-Kapitlu tal-Kapitlu 9, rat ukoll l-artikolu 17 u kkonisdrat illi huwa rregistra ammissjoni bikrija, rat ukoll pero' illi huwa gia nstab hati darbtejn ta'akkuzi simili, ghaldaqstant anke minhabba l-ammissjoni tieghu, prekluza mill-fatt li jinghata sentenza sospiza qeghda timmultah is-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm 1500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------